Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 38/2013

**Perit Edwin Mintoff**

**Vs**

**Portokal Limited**

11 ta' Dicembru, 2017.

1. Permezz ta' rikors, l-attur talab lil Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex tikkundanna lill-kumpannija konvenuta:
*"thallas is-somma ta' €11,329.45 rapprezentanti VAT kalkolati bir-rata ta' 18% fuq l-ammont ta' drittijiet professjonali likwidati fil-proceduri ta' Arbitragg fl-ismijiet 'Dr. Edwin Mintoff vs Portokal Limited' li gew decizi permezz tal-lodo arbitrali tal-4 ta' Frar 2011 konfermat b'sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) tas-26 ta' Gunju 2012 u li ghadhom ma thallsux*".

2. Permezz ta' risposta, il-kumpannija intimata oggezzjonat ghar-rikors ta' l-attur u wiegbet illi:
" *[...] l-ammont ta' €62,941.42 illi l-konvenuta giet ordnata thallas permezz tal-lodo arbitrali tal-4 ta' Frar, 2011 jinkludi kwalunkwe element ta' VAT pagabbli mill-konvenuta lill-attur.*

*Illi l-ammont imsemmi ta' €62,941.42 illi [flimkien mal-ispejjez kif decizi mill-arbitru], kif konfermat mill-ircevuta fiskali rilaxxata mill-attur [Dok. P1 anness], u ghalhekk ebda VAT ulterjuri ma hija pagabbli*.

3. Permezz ta' sentenza li nghatat fit-18 ta' April 2016, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) cahdet l-eccezzjonijiet u laqat it-talba tal-attur. L-attur isostni li mid-decizjoni tat-Tribunal tal-Arbitragg hu evidenti li s-somma likwidata ma tinkludix it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud.

4. Il-konvenuta appellat mis-sentenza. L-aggravji huma li l-ewwel qorti:
   i. Dehret li ma kkunsidratx l-argumenti mressqa mill-intimata, u kienet zbaljata fil-konkluzjonijiet dwar il-fatt li l-kumpannija appellanti kellha thallas l-ammont ta' €11,329.45 f'VAT oltre' s-somma ordnata mill-lodo arbitrali.
   ii. Kienet zbaljata meta sostniet illi l-gravam tal-appellanta dwar il-kalkolu zbaljat tal-VAT dovut kellu jitressaq b'eccezzjoni specifika.

5. L-attur wiegeb fejn ta r-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud:

i. Hu evidenti mill-premess illi kien car li s-somma likwidata mill-Arbitru u li eventwalment giet konfermata mill-Qorti tal-Appell ma kinitx tinkludi l-VAT. Kienet limitata biss ghal-likwidazzjoni tad-drittijiet professjonali, eskluz il-VAT.

ii. Dwar it-tieni aggravju, quddiem l-ewwel qorti l-konvenuta ma tatx eccezzjoni f'dak is-sens.

6. Waqt is-seduta tal-20 ta' Ottubru, 2017 id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li ma kellhomx x'izidu ma' dak li hemm fl-atti.

7. Il-kwistjoni titratta dwar Taxxa Fuq il-Valur Mizjud li l-attur jippretendi li l-attrici ghandha thallas fuq is-somma ta' tnejn u sittin elf disa' mija u wiehed u erbghin ewro u tnejn u erbghin centezmu (€62,941.42), ammont likwidat mit-Tribunal tal-Arbitragg bhala dritt professjonali dovut lill-attur ghax-xoghol li ghamel fir-rigward ta' progett fil-Kalkara.

8. **Fatti**.

i. L-attur kien ippropona arbitragg sabiex jithallas €99,687.63 bhala ammont lilu dovut ghal servizzi professjonali li ta lis-socjeta konvenuta.

ii. Fil-11 ta' Novembru, 2010 l-attur ipprezenta nota fejn iddikjara li s-somma ta' €76,156.53 kien l-ammont li qieghed jippretendi. F'din in-nota spjega li l-valur tal-progett kien €3,807,826.60 hu kkalkola l-ammont li kien qieghed jippretendi b'dan il-mod, *"1/2 x 2/3 x 6% of €3,807,826 = €76,156.53"*.

iii. B'decizjoni tal-4 ta' Frar, 2011 it-Tribunal tal-Arbitragg iddecieda li s-somma dovuta lill-attur kienet €62,941.42 (ara dik il-parti tad-decizjoni ntestata Konkluzjoni).

iv. Fid-9 ta' Marzu, 2011 l-attur ipprezenta rikors fejn talab lit-Tribunal tal-Arbitragg sabiex issir korrezzjoni fid-decizjoni billi tizdied it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud. Talba li b'digriet tal-1 ta' April, 2011 giet michuda peress li, *"…. l-istess claimant talab ammont minghajr ma specifika l-inkluzjoni jew l-eskluzjoni tal-VAT u ghaldaqstant l-Arbitru zamm mal-parametri tat-talba w inghata l-award a bazi ta' dawn il-parametri w m'huwiex fil-poter tal-Arbitru imur oltre dak li kien gie mitlub"*.

v. L-attur appella mis-sentenza, u wiehed mill-aggravji kien dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud. B'sentenza tas-26 ta' Gunju, 2011 din il-qorti cahdet l-appell wara li kkunsidrat: *"Illi mill-istess dokumenti jidher car li ma saritx ebda talba ghall-kundanna ghall-hlas ta' VAT, u mkien mal-istess talba ma kien hemm indikazzjoni li tali ammont kien jinkludi l-VAT li llum l-appellanti jidher li qed jippretendi. Fil-fatt dan huwa kkonfermat qabel ma nghata l-Award fit-18 ta' Gunju 2012 l-appellant kien ipprezenta nota datata 11 ta' Novembru, 2010 fejn huwa kien irriduca l-ammont rikjest minnu ghas-somma ta' €76,156.53 u f'dan il-*

*kaz ukoll ma saret l-ebda referenza ghall-pagament ta' VAT. Mela jidher mill-istess atti promotorji, kif ukoll fl-ahhar ridotti, li l-ammont li punt li gie rimess lill-Arbitru ghad-decizjoni tieghu kien jirreferi biss ghad-drittijiet professjonali tieghu ut sic u mhux ghall-VAT. Mela allura gustament l-Award arbitrali kellu jillimita ruhu ghal dak sottomess lilu, u minn dawn l-atti tal-appellant stess imkien ma jidher li l-VAT kien qed jigi kkalkulat u dan inkluz mad-dokument li gie anness man-nota tal-appellant (claimant) quddiem l-Arbitru tal-istess data tal-11 ta' Novembru 2010 u ghalhekk dan l-ewwel aggravju qed jigi michud ghaliex mhux minnu dak hawn vantat li t-talba li ghamel l-appellant quddiem l-Arbitru kienet tinkludi fiha l-VAT tant li l-atti promotorji u l-att ta' riduzzjoni tat-talba certament li ma jghidux dan izda kienu qed jirreferu biss ghall-ammont li l-appellant kien qed jippretendi bhala drittijiet professjonali u xejn izjed".*

vi. Fit-30 ta' Jannar, 2013 l-attur hareg ricevuta fiskali ghas-somma ta' €62,941.42. Pero' mar-ricevuta intbghatet ittra legali, fejn l-attur ghamilha cara li kien qieghed jibghat ir-ricevuta bla pregudizzju ghad-drittijiet tieghu peress li dik is-somma kienet tas-sorte biss u f'dak l-ammont ma kinitx inkluza t-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud.

vii. Fis-7 ta' Frar, 2013 l-attur ipprezenta kawza fil-Qorti tal-Magistrati fejn talab li s-socjeta' konvenuta tkun ikkundannata thallas is-somma ta' €11,329.45 rapprezentanti Taxxa Fuq il-Valur Mizjud, *"fuq l-ammont ta' drittijiet professjonali likwidati fil-proceduri ta' Arbitragg fl-ismijiet Dr. Edwin Mintoff vs Portokal Limited li gew decizi permezz tal-lodo arbitrali tal-4 ta' Frar, 2011 konfermat b'sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) tas-26 ta' Gunju, 2012 u li ghadhom ma thallsux"*.

viii. Fit-8 ta' April, 2013 il-konvenuta wiegbet li s-somma li kienet kundannata thallas lill-attrici tinkludi t-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud. Inoltre' s-somma ta' €62,941.42 thallset, kif kien jirrizulta mir-ricevuta fiskali rilaxxata mill-attur u ghaldaqstant l-ebda VAT ma kienet dovuta.

ix. B'sentenza tat-18 ta' April, 2016 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) cahdet l-eccezzjonijiet u laqat it-talba tal-attrici u kkundannat lill-konvenuta thallas is-somma ta' €11,329.45, bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tal-prezentata tar-rikors li bih inbdew dawn il-proceduri.

9. Fid-decizjoni tat-Tribunal tal-Arbitragg jinghad:

*"L-arbitru wasal ghal konkluzjoni li d-dritt professjonali dovut lill-claimant, a bazi tal-konsiderazzjonijiet, punt w principji w stimi hawn fuq elenkati huwa skont is-segwenti:*

*i. Dritt professjonali dovut fuq il-progett in kwistjoni ghandu jigi kkalkolat skond it-Tariffa K, paragrafu 11(b) pero bil-formula ½ x 2/3 x 6% x €2,760,360 = €55,207.20.*

*ii. Dritt professjonali dovut ghall-valutazzjoni tal-art in kwistjoni, liema stima kienet tammonta ghal €908,456 (Lm390,000), ghandu jigi kkalkolat skond it-Tariffa K, paragrafu 6(b), bil-formula fuq l-ewwel €2,330 b'rata ta' €15.84, fuq il-kumplament jew €906,126 x 0.003 = €2,718.38 ghal total ta' €2,734.22.*

iii. *Dritt professjonali dovut ghal serrvizzi li jmorru oltre' dak normalment ipprovduti li jinkludu varjazzjonijiet, konsulti w laqghat mal-Awtoritajiet kollha kkoncernati u dan fuq meddha ta' ghaxar snin, skont it-Tariffa K, paragrafu 13(b), li qed jigi determinat fis-somma ta' €5,000.*

iv. *Total tad-dritt professjonali dovut lill-claimant ghandu jkun ta' €62,941.42".*

Din il-parti tad-decizjoni hi l-parti dispozittiva u minnha hu car li fis-somma li l-Arbitru llikwida bhala dik dovuta lill-attur, m'hemmx inkluz it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud. Tant hu hekk li meta l-attur ipprezenta rikors (9 ta' Marzu, 2011) fejn talab lit-Tribunal tal-Arbitragg sabiex issir korrezzjoni fis-sentenza fis-sens li jizdied it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud, it-talba giet michuda mhux ghaliex dik it-taxxa kienet inkluza fis-somma li llikwida izda ghaliex l-attur ma talabiex. Fis-sentenza tas-26 ta' Gunju, 2012 dik l-istess raguni wasslet lil din il-qorti sabiex tichad l-aggravju tal-attur relatat mat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud.

10. M'hemmx dubju li VAT hi dovuta fuq servizzi professjonali ta' perit (ara wkoll paragrafu 4.1 tar-rikors tal-appell, fol. 7). Il-konvenuta ssostni:
*"....l-esponenti dejjem ikkontestat li pretensjoni tal-appellat illi l-VAT ghandu jizdied fuq l-ammont mitlub u llikwidat skont l-arbitragg bin-numru 1971/2009 u gja mhallas mill-appellanta ghaliex l-ammont hekk likwidat kien ibbazat fuq it-talba tal-appellat quddiem ic-Centru tal-Arbitragg li kien jinkludi l-VAT".*

F'dan ir-rigward il-qorti tosserva:

i. It-talba originali kienet ghal €99,687.63 (Lm42,796). Fl-avviz ta' arbitragg ma jissemmix li dik ic-cifra tinkludi t-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud.

ii. Minn ittra datata 15 ta' Frar, 2007 li ntbghatet mill-attur, jirrizulta li f'dik is-somma hemm inkluza s-somma ta' Lm6,528.20 bhala Taxxa Fuq il-Valur Mizjud. Il-kalkoli saru fuq progett b'valur ta' Lm1,654,700. Pero' dik l-ittra kienet prezentata ma' replika prezentata fl-14 ta' Marzu, 2011 cjoe' wara d-decizjoni tal-Arbitru.

iii. Bin-nota li l-attur ipprezenta fil-11 ta' Novembru, 2010 fil-proceduri ta' arbitragg, l-attur irreveda l-valur tal-progett ghas-somma ta' Lm1,634,700. Mill-kalkoli li hemm f'dik in-nota hu evidenti li fis-somma ta' €76,156.53 li l-attur iddikjara li hi dovuta bhala dritt professjonali, it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud m'hijiex inkluza.

iv. Din il-qorti fis-sentenza tas-26 ta' Gunju, 2011 qalet li l-attur ma talabx it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

v. L-appellanti qeghda tipprova taghmel kapital minn dak li jinghad fl-ittra tal-15 ta' Frar, 2007. Dan hu skorrett, ghaliex dak li hu rilevanti hi n-nota tal-11 ta' Novembru, 2010 u d-decizjoni tat-Tribunal tal-Arbitragg.

11. Hu minnu li fit-30 ta' Jannar, 2013 l-attur kien hareg favur il-konvenuta, ricevuta fiskali ghas-somma ta' €62,941.42. Pero' maghha ntbaghtet ittra legali fejn intqal li, *"Din l-ircevuta qieghda tintbaghat minghajr pregudizzju*

*ghad-drittijiet tal-klijenti tieghi u ghal tal-kontenzjoni tieghu, kif kontenuta fl-ittra precedent kompriza dik tal-15 ta' Novembru 2012 li l-hlas ta' €62,941.42 huwa tas-sorte biss u li ma fihx VAT element"*. Ghalhekk kien car li l-attur kien ghadu jippretendi li jithallas is-somma ta' €62,941.42. Irrizulta wkoll li l-ircevuta fiskali nharget wara li s-socjeta konvenuta ghamlet rapport lid-Dipartiment tal-VAT minhabba li l-attur irrifjuta li jaghtiha ricevuta fiskali.

12. Kuntrarjament ghal dak li ssostni l-konvenuta, f'dan il-kaz m'hemm l-ebda arrikkiment indebitu, u dan tafu. Is-somma ta' €62,941.42 hu d-dritt professjonali dovut lill-attur u li mieghu ghandha tizdied it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjuda, gialadarba s-servizz li joffri hu taxxabbli taht il-Kap. 406.

13. L-appellanti lmentat ukoll li l-ewwel qorti kienet zbaljata meta qalet li l-ilment dwar il-kalkolu zbaljat tal-VAT kellu jitqajjem b'eccezzjoni specifika. Fin-nota ta' sottomissjonijiet l-appellant qalet,

*"Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, effettivament, skont l-ircevuta li nharget mir-rikorrent, jekk l-ammont total bil-VAT huwa dak ta' €62,941.42, l-element ta' VAT minn dak l-ammont li r-rikorrenti kellu jhallas lid-Dipartiment tat-Taxxi huwa ta' €9,601.23 u mhux dak ta' €11,329.45, hekk kif pretiz mir-rikorrenti u ddikjarat minnu fl-affidavit tieghu".*

Il-qorti taqbel mal-ewwel qorti li dan hu argument gdid li ma kienx parti mid-difiza li ghamlet il-konvenuta (fol. 6). Ghalhekk taqbel mal-posizzjoni li hadet l-ewwel qorti. L-ircevuta kienet fil-pussess tas-socjeta' konvenuta sa minn qabelipprezentat it-twegiba. F'kull kaz il-qorti xorta ma taqbilx mal-argument tal-konvenuta. Jekk is-somma ta' €62,941.42 tinkludi fiha l-VAT, u hekk hemm stampat fl-ircevuti fiskali li jinghataw mid-Dipartiment lis-*service provider*, hu minnu li t-taxxa hi €9,601.17. Dan ikun ifisser li l-attur hallas dik is-somma lid-Dipartiment, li jfisser li baqghalu fil-but €53,340.25 bhala dritt professjonali. Pero' dik mhijiex is-somma li llikwida l-Arbitru bhala dritt professjonali. Il-kwistjoni mhijiex l-attur x'kellu jhallas lid-Dipartiment. Id-dritt professjonali tal-attur kif likwidat mill-Arbitru hu **€62,941.42**. It-taxxa ta' 18% fuq dik is-somma hi **€11,329.45**. Mill-atti hu evidenti li l-attur kien kostrett johrog ricevuta fiskali ghas-somma ta' €62,941.42, minkejja li ma rceviex ukoll it-taxxa dovuta fuq dik is-somma. Fil-fatt meta hareg dik ir-ricevuta fiskali, ghamilha cara lill-konvenuta li kien ghad qieghed jippretendi l-hlas tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud. L-attur ghandu dritt li jithallas **id-dritt professjonali kollu** likwidat mill-arbitru u bil-ligi obbligat jigbor **it-taxxa kollha** fuq dak l-ammont u jhallasha lid-Dipartiment. Ghalhekk it-talba hi altru milli gustifikata.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra s-socjeta' appellanti.**

Anthony Ellul.